MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 51/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Mamo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Mamo talli fis-6 ta' Novembru 2004 u fis-snin ta' qabel, f'Birzebbuga u f'Rahal gdid, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istress disposizzjoni tal-ligi u li gew magh mula b'risoluzzjoni wahda:

(1) b'eghmil zieni kkorrompa persuni ta' taht l-eta' fosthom AB, CD, EF u GH, liema minuri gew fdati lilu,

imqar ghal xi zmien, sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom;

(2) bhala cittadin jew residenti permanenti ta’ Malta, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, *film*, video recording jew xbieha elettronika indicenti ta’ persuni ta’ taht l-eta`, jew qassam jew wera ritratt, *film*, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, *film*, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, liema reat huwa aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, *films*, video recording jew xbiehat elettronici indicenti juru persuni taht l-eta` li ma kinux ghalqu d-disa’ snin;

(3) ghal qligh jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f’post pubbliku jew f’post accessibbli ghall-pubbliku, immanifattura, istampa jew xort’ohra ghamel, jew akkwista, zamm jew iccirkola jew innegozja wkoll jekk dan in-negozju sar bil-mohbi, oggetti, *film*, jew stampat pornografiku u cioe` videos u/jew xbiehat elettronici indicenti;

(4) bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanufattura, iddupplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetta bil/jew taht il-ligi ta’ Malta;

Rat in-nota ta’ rinviju ta’ l-Avukat Generali tad-9 ta’ Dicembru 2005 li permezz taghha ddikjara li, billi jidhirlu li mill-atti tal-kompilazzjoni tista’ tinsab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub fl-artikoli 18, 203(1)(c), 208A(1)(2)(3), 298B, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, baghat lura l-atti tal-kompilazzjoni lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali sabiex dik l-istess Qorti, fin-nuqqas ta’ oggezzjoni ta’ l-appellant (allura imputat), tiddeciedi fuq l-akkuza ta’ din il-htija jew htijiet;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-appellant registrata fit-22 ta’ Frar 2006 fejn iddikjara li ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-1 ta’ Frar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Mamo hati ta’ l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet izda mhux hati tar-raba’ imputazzjoni li minnha lliberatu u, wara li rat l-artikoli 203(1)(c), 208A(1)(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu sitt (6) snin prigunerija li minnha jrid jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Joseph Mamo pprezentat fil-11 ta’ Frar 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu mhux hati tar-raba’ imputazzjoni (d); (2) thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati ta’ l-ewwel imputazzjoni (a) (art 203(1)(c)) u minflok issibu hati biss tar-reat taht l-Artikolu 203(1) minghajr l-aggravju taht is-sub-inciz (c) tal-istess artikolu; (3) thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati tat-tieni mputazzjoni (b) (art208A(1)(2)(3)) u minflok issibu hati biss tar-reat taht l-Artikoli 208A(1)(2) minghajr l-aggravju taht is-sub-inciz (3) tal-istess artikolu; (4) thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati tat-tielet imputazzjoni (c) u minnha tilliberah skond il-ligi; (5) alternattivament u minghajr pregudizzju, tirriformaha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li ma kellux jinstab hati ta’ l-aggravji kontemplati fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 203 u fis-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 208A tal-Kodici Kriminali; (2) li t-tielet imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement mill-

provi; (3) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jghid illi huwa ammetta r-reati kontemplati fl-artikoli 203(1) u 208A(1)(2) minghajr l-aggravji addebitati. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti setghet kienet erroneja fir-ragunament taghha li huwa kellu, fil-mument/i tal-kommissjoni tar-reati, il-kwalita` ta' tutur jew ta' persuna li, anke jekk ghal xi zmien, giet fdata bil-kura tal-minuri. Huwa jargumenta illi wiehed ma jistax jekwipara l-fatt ta' l-inkontru bejnu u l-minuri fi hdan il-M.U.S.E.U.M.[1] mal-fatt sussegwenti u indipendenti tal-korruzzjoni. Jghid illi mill-provi jirrizulta li l-iskambju ta' films, videos, ritratti, CDs, DVDs, ecc. u kull *atto di libidine* sehhew barra mill-isfera tal-M.U.S.E.U.M. Mill-provi, ikompli l-appellant, lanqas ma jirrizulta illi waqt li z-zghazagh koncernati kienu fil-bini u/jew fil-kuntest wiesa' ta' l-attivitajiet maghmula fi hdan il-M.U.S.E.U.M. qatt sehhew xi *atti di libidine* da parti tieghu. Isostni illi jekk fi hdan il-M.U.S.E.U.M. nibtet hbiberija zejda bejnu u z-zghazagh koncernati, din ma tammontax ghall-aggravju kontemplat fil-ligi. L-azzjonijiet maghmula mill-appellant u li huma kolpiti mil-ligi saru barra mill-parametri u mill-isfera ta' l-attivitajiet li kienu jsiru fil-bini u/jew mill-M.U.S.E.U.M.

Ghalkemm it-tezi ta' l-appellant hija interessanti, din il-Qorti ma tistax tikkondividiha. Tfal u zghazagh li jattendu l-M.U.S.E.U.M. biex jircievu istruzzjoni u edukazzjoni partikolari mis-superjuri jew socji ta' dik l-ghaqda, imorru hemm bl-approvazzjoni tal-ġenituri taghhom li suppost ikunu mohhhom mistrieh li uliedhom jinsabu f'idejn tajba. Sfortunatament l-appellant abbuza mill-*position of trust* tieghu billi ippowcja uhud minn dawn it-tfal u zghazagh ghall-ghanijiet perfidi tieghu. Ir-responsabbilta` ta' l-appellant li jeduka u li jistruwixxi lil dawk li jattendu l-M.U.S.E.U.M. ma waqfitx hekk kif kien johrog mill-bieb tal-bini fejn kien qieghed isir dak it-taghlim. L-appellant ma jistax jizvesti ruhu mil-libsa ta' ghalliem tad-dottrina nisranija ghax dak li ghamel ma ghamlux fl-istess ambjent fejn kien qieghed isir dak it-taghlim. L-għan ewlieni li fuqu

[1] **Magister, Utinam Sequatur Evangelium Universus Mundus.**

tinbena s-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija huwa l-qdusija tas-soċji tagħha u t-tieni għan huwa t-tixrid tal-kelma ta' Alla kif imfissra u mgħallma mill-Knisja Kattolika.[2] L-argument ta' l-appellant huwa ghalhekk ghal kollox fallaci. Zgur ma kienx il-hsieb tal-fundatur ta' din is-Socjeta` li t-tixrid tal-kelma t'Alla jsir biss fil-bini tas-socjeta` jew waqt l-attivitajiet organizzati minnha. It-tixrid tal-kelma t'Alla tmur lil hinn mill-barrieri ta' spazju u hin. Imbaghad, il-genituri li kienu jafu li uliedhom kienu qeghdin imorru jiltaqghu ma' l-appellant, ma oggezzjonawx precizament minhabba r-rwol tieghu bhala ghalliem tad-duttrina nisranija. Forsi wkoll nesa l-appellant illi AB xehed illi darba minnhom kienu l-"muzew" u resqu fuq in-naha ta' gewwa "fejn stajna nkunu safe li ma jidhol hadd fuqna, biss x'hin qabadli u fetahli l-qalziet instemghu xi nies gejjin mill-ilhna u thassar kollox." Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa michud.

It-tieni aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija skond it-tielet imputazzjoni. Fl-akkuza originali l-appellant gie akkuzat bi ksur ta' l-artikolu 208(1)(2) tal-Kap. 9 u l-ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonijiet taghha qalet li l-attivita` minnha ndikata "tinkwadra ruhha perfettament" taht dawk l-artikoli. Pero` mbaghad ma ccitatx dan l-artikolu fost l-artikoli li tahthom kienet qed issib il-htija. Ciononostante, l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija taht l-imsemmi artikolu peress illi ma setghetx issib htija oltre l-artikoli citati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu ta' rinviju ghall-gudizzju. In effetti mill-imsemmija nota[3] jirrizulta li l-artikoli citati kienu s-segwenti: 18, 203(1)(c), 208A(1)(2)(3), 298B, 31, 30, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Carter** deciz fis-7 ta' Dicembru 2001, meta "r-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju

---

[2] Ara http://www.sdcmuseum.org ; http://mt.wikipedia.org/wiki/So%C4%8Bjet%C3%A0_tad-Duttrina_Nisranija#Bidu_tas-So.C4.8Bjet.C3.A0_tal-M.U.S.E.U.M

[3] A fol. 200.

ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta’ l-att ta’ akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista’ jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta’ akkuza, jekk fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta’ reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta’ l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista’ ssibu hati ta' tentattiv ta’ dak ir-reat, jew ta’ reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f’dak ir-reat, jew bhala komplici f’dak ir-reat”. F’dan il-kaz, l-Avukat Generali naqqas ir-reat kontemplat fit-tielet imputazzjoni fl-akkuza originali, u konsegwentement l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija skond dik l-imputazzjoni. Ghalhekk irid ikun hemm necessarjament temperament fil-piena.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena. Waqt sottomissjonijiet verbali, id-difensur ta’ l-appellant irrefera ghall-problemi ta’ sahha ta’ l-appellant, b’referenza ghal dak li xehed Dr. Anthony Zrinzo, ghall-fatt li l-appellant kien tilef lil missieru meta kien ghad ghandu disa’ snin, ghal dak kollu li xehdu favur tieghu x-xiehda prodotti minnu dwar l-altruwizmu tieghu, u ghall-fatt li talab mahfra. Dawn huma kollha fatturi li jimmilitaw favur l-appellant u li ngabu kollha a konjizzjoni ta’ l-ewwel Qorti, izda li mhumiex ragunijiet li ghalihom jista’ jevita piena adegwatament harxa. Fil-fatt l-appellant seta’ gie kkundannat b’kollox sa massimu ta’ ghaxar snin u sitt xhur prigunerija li b’zieda ta’ zewg gradi minhabba li si trattava ta’ reat kontinwat setghet sahansitra titla’ sa tletin sena. L-unika raguni li ghaliha se jkun hemm temperament fil-piena huwa dak moghti fil-paragrafu precedenti, u cioe` peress illi l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija fit-tielet imputazzjoni[4] ghax mhux kontemplata fl-artikoli citati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu ta’ rinviju ghall-gudizzju.

---

[4] Il-piena kontemplata mil-ligi skond l-artikolu 208(1) hi dik ta’ prigunerija ghal zmien ta’ sitt xhur sa tnax-il xahar jew multa ta’ mhux inqas minn elf euro (1,000) u mhux izjed minn tlett elef euro (3,000), jew dik il-prigunerija u multa flimkien.

Fl-ahharnett din il-Qorti tosserva illi l-appellant jinsab taht il-kura tal-psikjatra Dr. Ethel Felice li xehdet li l-appellant huwa f'kondizzjoni vulnerabbli u jehtieg aktar kura. **Ghalhekk din il-Qorti qed iggib dan a konjizzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex l-appellant ikun jista' jkompli jinghata l-kura mehtiega.**

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tat-tielet imputazzjoni skond l-artikolu 208(1)(2) tal-Kodici Kriminali, tiddikjarah mhux hati ta' dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' sitt snin u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' hames snin u sitt xhur, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------